# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru tnejn u tmenin (82) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 27 ta' Settembru, 2011 fis-6:30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku Noel Galea ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti ntbagħtu minn qabel lill-kunsillieri permezz ta' *e-mail* u għaldaqstant dawn kellhom iċ-ċans illi jitolbu l-korrezzjonijiet kollha li dehrilhom xierqa kif fil-fatt għamlu. Dawn kienu approvati u ikkoreġġuti bil-linka fuq il-kopja oriġinali u inizjalati u ffirmati mis-sindku u s-segretarju eżekuttiv.

Korrezzjoni tal-Minuti:

3. Dwar in-nomina li saret minn Mario Zammit għal Ġieħ l-Imqabba 2011, inqatgħu l-kelmiet "*f'isem is-Soċjetà Mużikali Santa Marija*" minkejja li n-nomina kienet riċevuta f'envelopp tas-soċjetà u l-istess Mario Zammit kien ċempel lis-segretarju eżekuttiv qabel ma dawn infetħu u nsista illi n-nomina kien qed jagħmilha f'isem din is-soċjetà u mhux f'ismu personali. Iżda peress li fuq l-applikazzjoni tan-nomina tniżżel biss Mario Zammit u mhux għan-nom tas-soċjetà jew f'isem is-soċjetà, il-kunsill kollu ħass li ma setax iniżżel xi ħaġa li ma kienitx miktuba.

Punti mill-Minuti:

4. Is-sindku semma x-xogħol li qed jitkompla fuq it-toroq. Hu qal illi inbeda l-gandott fi Triq il-Fjuri, kif propost fil-laqgħa li kienet inżammet fuq il-post minnu, il-Kuntrattur *Asfaltar Ltd* u l-Perit tal-KLM wara li ingħataw il-livelli minn naħa tal-perit. Dwar dan il-*water catchment* intqal illi se jkun qed iwassal l-ilma (*run-off*) lejn il-ġiebja li hemm taħt Triq Valletta. F'dan il-punt il-KLM għażel il-kulur (griż) u d-diżinn tal-*patterned concrete* minn fuq il-kampjuni illi kien issottometta l-kuntrattur ftit tax-xhur ilu. Madankollu s-sindku qal li fuq parir tal-perit, se jkun hemm għalfejn illi f'din it-triq inħaxxnu l-għoli minn erbgħa għal sitt pulzieri għal spiża addizzjonali minħabba li f'partijiet minnha jidħlu vetturi tqal. Is-sindku qal illi l-istess kuntrattur kien qallu li bl-għoti mill-ġdid tal-*lacquer* fit-triq tan-nofs (*pedestrianized road*) f'parti minn Triq il-Parroċċa, il-KLM jista' jsolvi l-problema tal-anzjani li qed jiżolqu fuqha mingħajr ma jkollu bżonn li joqgħod iħaffer il-wiċċ biex jinqala'.

5. Is-segretarju eżekuttiv talab lill-kumpanija *Alberta* tiċċara xi punti li talabna hekk nagħmlu magħhom l-Inġinier Albert Ellul fir-rapport tekniku tiegħu li sar biex ikunu nstallati sistemi ta' *ICT* u Elettriku fl-uffiċċini tagħna skond il-kwotazzjoni li kien ħareġ il-KLM. Għaldaqstant dan l-għoti tal-offerta għadu pendenti minħabba l-proposta ta' *PABX* li ma kienux ikkwotaw għaliha l-Kumpanija *Alberta*.

6. Is-sindku informa lill-kunsillieri li kien avviċinat mill-Avukat Marion Camilleri (għan-nom tal-Kunsilli tal-Imqabba u ta' Ħal Safi) biex issir laqgħa fil-Qrati ta' Malta bejn l-avukati tal-appellant (tas-Sur Ghigo) u tal-kunsilli msemmija dwar l-appell li kien sar mis-Sur Ghigo li waqqaf ħesrem l-andament tal-offerta tal-ġbir tal-iskart. Hawn xi kunsillieri talbu spjegazzjoni dwar għaliex għandha ssir din il-laqgħa rikonċiljari meta d-deċiżjoni verbali tal-avukat tagħna kienet illi nipproċedu bl-għoti tal-offerta lis-Sur J Zammit. Id-deputat sindku qal li fiċ-ċirkustanzi preżenti, l-aħjar li jsir hu li din l-offerta terġa' toħroġ mill-ġdid. Hawn is-sindku semma kif is-Sur J Zammit, il-kuntrattur preżenti, qiegħed jaħdem bit-telf u għaldaqstant għadu inċert dwar l-andament tal-kuntratt tiegħu bħal issa mal-kunsilli msemmija. Is-sindku insista li ġaladarba l-avukat tagħna insista li niltaqgħu, hekk għandu jsir *in vista* illi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma tax direttiva dwar il-ħruġ mill-

ġdid ta' din l-offerta. Intant is-segretarju eżekuttiv ħa s-suġġeriment tad-deputat sindku u se jitlob direttiva mingħand l-avukat ġenerali Dr Peter Grech.

7. Dwar l-attività tal-Ġieh l-Imqabba 2011, is-segretarju eżekuttiv qal illi propju dalgħodu ċemplitlu l-Kap tal-Iskola u infurmatu li l-preżentaturi studenti se jkunu Duane Grech u Marija Abdilla. Is-segretarju eżekuttiv ċempel lill-ġenituri tagħhom fejn dawn tawh id-dettalji sabiex issirlhom stedina formali u jintbgħat l-i*script* tas-serata li qed isir minnu lilhom permezz ta' *e-mail*. Il-KLM iddeċieda li t-tfal ma jkunux bl-uniformi tal-iskola filwaqt li għandha tkun mgħarrfa l-preżentatriċi ewlenija Ms Angie Casha b'dan l-iżvilupp. Is-segretarju eżekuttiv kien awtorizzat illi joffri f'isem il-KLM *drink* lill-bandisti bħalma jsir kull sena f'dan l-avveniment. Intant is-sindku ppropona sabiex din l-attività tkun taħt il-patroċinju tal-Onor Chris Said, is-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru responsabbli mill-kunsilli lokali, peress li s-sena l-oħra l-KLM kien stieden lil Dr Tonio Borg Deputat Prim Ministru minħabba li Dr Said ma setgħax jattendi. Għal din il-proposta ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni filwaqt li kien deċiż ukoll li jkunu mistiedna kemm l-Onor Stefan Buontempo, *Shadow Minister* tal-PL, u l-membri parlamentari tad-distrett, jiġifieri l-Onor Franco Debono, l-Onor Marlene Pullicino, l-Onor Karmenu Vella, l-Onor Ninu Zammit u l-Onor Joe Sammut.

8. Dwar l-attività kulturali, Paul Spiteri qal illi d-Dipartiment tal-Kultura se jipprovdina b'palk ta' daqs 8 metri b'6 metri. Madankollu għandna bżonn it-trasport minn Ħal Luqa. Dwar dan is-segretarju eżekuttiv kien awtorizzat illi jistaqsi lill-ħaddiem tal-*Community Works Scheme* is-Sur Alfred Farrugia biex isir it-trasport bit-trakk tiegħu. Paul Spiteri qal illi is-*Sumo Wrestlers* se jitolbu €2.50 għal kull logħba mingħand kull parteċipant (tfal imlebbsin il-kostum) biex b'hekk kull logħba tkun ġiet tiswa €5.00.

9. Il-KLM qabel mal-proposta tas-sindku li tintalab donazzjoni ta' €0.50 minn għand kull min se jirkeb fuq il-karozzini biex din tkun ippreżentata lill-*Community Chest Fund* fi tmiem is-sena f'Jum l-Istrina ma' dawk li diġà ngabru s'issa. Intant Grace Marie Mallia qalet li hemm bżonn li jkun hemm forma ta' *queue* għaliex qed ikun hemm ħafna guffaġni biex jitilgħu n-nies fuq il-karozzini.

10. Ma kienx milqugħ is-suġġeriment illi flok kompetizzjoni tat-trasport tal-ġebel kif propost f'diversi laqgħat oħra tal-KLM, issir dawra bl-istess kantuni mal-Knisja Parrokkjali. Charles Farrugia qal illi minkejja li hi ftit diffiċli biex issib il-persuni u jinvolvu ruħhom f'din il-kompetizzjoni, jekk tneħħi dan l-element minnha ma tibqax daqshekk interessanti. Dan kollu fl-isfond ta' wirja ta' barriera tal-ġebel fil-Pjazza tal-Knisja.

11. Is-sindku informa lill-kunsillieri illi l-*banner* 6 metri bi 3 metri li qed jiġi maħdum għand il-Kumpanija *E-Motions* se jkun lest għada filgħodu u talab lis-segretarju eżekuttiv biex jinforma lill-ħaddiem tal-*IPSL* Toni Spiteri biex imur iġibu. Intant hu ppropona sabiex isir ieħor żgħir biex jitpoġġa quddiem il-Kappella ta' Santa Katerina biex jindika illi fiha se jkun hemm programm ta' kwarta mużika magħmula minn ħdax-il silta minn Neve Marlene Galea għal ħames darbiet matul l-istess serata. Neve Marlene Galea se ddoqq f'din is-serata mingħajr ħlas.

12. Is-sindku kkalkula li bħala spejjeż, il-KLM ikkommetta ruħu diġà għal *circa* €2,000.00 għall-każini, €130.00 f'elettriku (arloġġ tad-dawl), €300 f'kiri tal-karettuni, €165.20 f'kiri ta' żwiemel, €70.00 f'servizzi ta' żewġ gwardjani lokali, €84.96 f'servizzi ta' sigurtà mal-kappelli, €200.00 f'servizzi ta' mużika tradizzjonali Maltija bi strumenti antiki, €400.00 f'kiri ta' *sound* u servizzi tal-Grupp *Vintage*, €130 f'ospitalità u kostruzzjoni ta' *bill board* u €250.00 fil-*bill board*. Hu għaldaqstant ippropona sabiex fl-istess serata il-KLM jikri l-*pitch* sintentiku tal-futbol sabiex ikun organizzat *tournament* ta' sagħtejn għall-ispiża ta' €300. Il-proposta kienet milqugħa unanimament u se jsiru *tokens* għall-okkażjoni li se jkunu ppreżentati fuq il-palk dak in-nhar stess.

13. Paul Spiteri ssuġġerixxa li fl-Isptar il-Qadim issir wirja tal-pappagalli bl-assistenza ta' *sponsor* li se jsibu dawn id-dilettanti. Il-KLM ma kellux oġġezzjoni għal dan u se jsir kif propost.

14. Bħala promozzjoni għall-attività kulturali, Nicholas Briffa għamel l-arranġamenti neċessarji sabiex nhar it-Tlieta, 4 ta' Ottubru, 2011 issir intervista lis-sindku fuq l-istazzjon *ONE* fil-programm

'Siegħa Żmien' li ser tixxandar l-għada l-Erbgħa. Hu talab lis-segretarju eżekuttiv sabiex jieħu kopja ta' xi filmati li kienu ttieħdu s-sena l-oħra mill-KLM sabiex jixxandru siltiet minnhom ukoll waqt l-intervista.

15. Bħala attività fuq il-palk, il-Kantanti Roberta Mallia, Chrystal Bugeja u Jeremy Buttigieg, għandhom jibdew fis-7:30pm fejn imbgħad wara li jlestu jkun hemm ftit *break* qasir fuq il-palk u għall-ħabta tat-8:00pm jitilgħu il-*Jackson's Pipe Band* ħalli jfiehmu wkoll lill-udjenza kif jaħdmu l-istrumenti tagħhom. Għall-ħabta tat-8:30pm imbgħad għandha tasal il-banda fil-pjazza li tkun bdiet minn fejn il-ħanut 'Ir-Remissa', Każin tal-Madonna tal-Ġilju, Triq l-Isptar il-Qadim, Triq Mikelanġ Sapiano, Triq iċ-Ċavi, Triq il-Kileb, Triq il-Pal, Triq it-Troll, Misraħ Missjoni ż-Żgħira, għal ħdejn il-Każin tal-Futbol, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa (mit-triq tan-nofs) u tgħaddi minn fejn il-Każin ta' Santa Marija, San Bażilju u timxi lejn il-pjazza fejn tieqaf fejn il-Kappella ta' Santa Katerina. Is-segretarju eżekuttiv kien awtorizzat sabiex jinforma lis-Sinjuri Domenic Vella u lis-Sur Haig ta' *Transport Malta* kif ukoll lil Nathalie Zammit tal-*Arriva* illi l-Pjazza tal-Knisja bejn nofs-in-nhar u l-11.30pm se tkun magħluqa u dak in-nhar mhux se jkun possibbli li jgħaddi t-trasport pubbliku minnha.

16. Hawn is-sindku u s-segretarju eżekuttiv qalu illi kienu għadhom kemm irċevew *e-mail* ftit minuti qabel fejn l-istess *Arriva Malta* ikkonċediet li minn nhar il-Ġimgħa li ġejjin se tibda tiffunzjona r-rotta 250 kull siegħa lejn l-Isptar Mater Dei. Din se tibda taħdem bħalma kienet ir-rotta l-antika 350. Madankollu kien irrimarkat illi r-rotta 72 għadha problema għax m'hix tgħaddi miċ-ċentru.

17. Is-segretarju eżekuttiv kien imħeġġeġ mis-sindku sabiex jinsisti mal-*Environmental Landscapes Consortium* sabiex isiru l-qlugħ ta' żewġ siġriet tal-*ficus* kif ukoll ħarruba mis-*central strip* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-segretarju eżekuttiv għandu jibgħat *e-mail* lil Dr Cuschieri, l-*Manager* sabiex tal-inqas jagħtina l-istima li konna tlabna.

18. Dwar il-ħarġa għal Għawdex f'Settembru 2011, ma kienx hemm aktar xi żżid għaliex din kienet organizzata tajjeb.

Aġenda:

19. Dwar l-għoti tal-unur Ġieh l-Imqabba 2011, is-sindku qal illi l-proponenti huma kollha mill-Imqabba, filwaqt li b'dan it-*token* il-KLM se jkun qed jirrikonoxxi x-xogħol volontarju li sar /għadu qed isir għal tul ta' żmien b'risq dawk l-aktar fil-bżonn. Is-segretarju eżekuttiv għandu jlaqqa' is-*CVs* li kienu ġejjin miż-żewġ proposti biex tinqara waħda dak in-nhar tas-serata fl-Iskola tal-Imqabba. Wara li nqraw is-cv's ta' Ms Josephine Farrugia u saret diskussjoni, l-kunsillieri preżenti unanimament qablu li l-persuna nominata għandha tingħata Ġieh l-Imqabba 2011.

20. Propju f'din il-laqgħa infetħet il-kaxxa tal-offerti fejn fiha kien għad hemm l-offerta li kienet għalqet nhar l-20 ta' Settembru 2011 fis-1.00pm. Għal din l-offerta pubblika li kienet mixtrija minn *Camray Co Ltd* u *Schembri Barbros*, sibna biss is-sottomissjoni ta' *Schembri Barbros*. Il-kunsillieri filwaqt li ffirmaw fuq l-iskeda imħejjija apposta mis-segretarju eżekuttiv, talbu lis-segretarju eżekuttiv sabiex jieħu kopja ta' dan id-dokument massiċċ ħalli tingħata lill-Perit Bezzina sabiex iħejji rapport tekniku u jindikalna jekk hix aktar għolja mill-istima oriġinali. Is-sindku fakkar lill-kunsillieri fil-laqgħa *ad hoc* li se tinżamm nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2011, fis-6:30pm fl-uffiċċju tiegħu u stieden lil dawk preżenti jattendu għaliha fejn flimkien mal-Perit Bezzina se jkollna r-rapport tiegħu dwar id-dettalji li hemm f'dan id-dokument. Madankollu Grace Marie Mallia kienet qaltilna li hija ma setgħetx tattendi u tajjeb li l-laqgħa immexxuha għat-Tnejn, 3 ta' Ottubru 2011, fl-istess ħin. Dan se jkun ikkonfermat mal-Perit Bezzina ħalli naraw jekk għandux xi mpenn ieħor dak in-nhar.

21. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 422.

Punti mill-Minuti:

22. Paul Spiteri ppreżenta numru ta' kotba ġodda lis-segretarju eżekuttiv sabiex dan jgħaddihom lil-librerija tal-Imqabba minn ghand is-Sur Michel Farrugia, fejn lil dan se tintbgħatlu ittra ta' ringrazzjament.

23. Nicholas Briffa informa lill-KLM illi r-*reinstatement* li kien sar mhux skond is-sengħa fuq gandott tal-*GO plc*, reġa' nqala' u dan twettaq ftit aħjar milli kien. Madankollu jonqos li l-kaptelli minn fejn qalgħu l-kaxxa (*line cabinet*) jitpoġġew aħjar u jkunu aktar lixxi għaliex dawn xorta għadhom joħolqu periklu lill-*pedestrians* fuq din il-bankina.

24. Grace Maria Mallia qalet illi għal-laqgħa li jmiss tal-KLM li se ssir nhar il-11 ta' Ottubru 2011, hija ma tistax tattendi u għaldaqstant ipproponiet sabiex issir ġurnata oħra. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni sabiex din tinżamm nhar l-10 ta' Ottubru, 2011, fis-6:30pm.

25. Dwar is-*seating* fil-Knisja għall-quddiesa ta' ringrazzjament tal-Ħadd, kif ukoll is-serata Ġieh l-Imqabba tas-Sibt, is-sindku qal li se jkunu nkarigati minnu Mersia Mackay u Valerie Galea. Dawn għandhom ikunu fil-post tal-inqas nofs siegħa qabel. Il-KLM se jimxi eżatt mal-protokol li kien distribwit lill-għaqdiet madwar sena ilu u li kien ġie mħejji mill-gvern ċentrali.

26. Is-sindku għamel referenza għall-korrispondenza li rċieva bid-data tal-31 t'Awwissu, 2011 minn għand il-*MEPA* fejn konna nfurmati li dawn skedaw il-Knisja Parrokkjali bħala Grad 1 (policy UCO7)

27. Għall-proposta tal-gvern lokali fejn qed niġu mistiedna nagħmlu dik tagħna dwar il-finanzjament tal-proġetti speċjali fejn nistgħu nibbenefikaw minn €25,000.00, Noel Galea qal li se jressaq talba biex jinxtraw bozoz *LEDs* u nagħtuhom lill-każini biex jintużaw fil-festi tar-raħal. Hu qal illi dawn il-lampi jiswew bejn €2.50 u €3.00 'l waħda u jekk mhu se jsir xejn, se tkun spiża fuq il-każini biex joħorġuhom kollha f'salt meta mhux se jibqgħu isibu jixtru *incandescent lamps*. Is-segretarju eżekuttiv qal illi dawn jistgħu jingħataw lir-residenti tagħna biex nimxu fuq il-linja tal-gvern ċentrali fejn kien diġà għamel propju dan madwar sena ilu. Il-kunsillieri ma kellhomx oġġezzjoni biex issir din il-proposta.

28. Konna infurmati mill-Qrati ta' Malta illi bħala KLM konna mħarrkin dwar inċident li kien seħħ 'l hinn mill-konfini tagħna diversi xhur ilu fuq vettura li kienet waqgħet ġo ħofra fi Triq l-Imqabba, Siġġiewi. Is-segretarju eżekuttiv se jitla' jixhed nhar it-18 ta' Ottubru 2011 minkejja li meta ċempel il-Qrati u qal lir-reġistratur li se jkun qed jitlef nofs ta' nhar meta hu lest li jagħmel dan bil-ġurament b'dokumentazzjoni li turi dan.

29. Issemmiet proposta fejn nistgħu ninnominaw lil xi ħadd biex jieħu premju għax-xogħol volontarju li jkun qed jagħmel. Is-sindku irrakkomanda lil familja żagħżugħa li minkejja li għandha numru ta' wlied x'tieħu ħsieb, xorta tlaħħaq max-xogħol volontarju fil-missjoni. Tant li abbandunat ir-residenza tagħha u ftit li xejn tidher ir-raħal. Din il-familja għandha residenza ftit 'il bogħod mis-sede tal-KLM.

30. Il-laqgħa ntemmet fid-9:30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*11/10/2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |